**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Illum, 20 t'April 2022

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raymond Portelli**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Raymond Portelli**, bin Paul u Carmen nee Micallef, imwieled Pieta fis-27 ta' Lulju 1989, residenti gewwa St. Paul, Hofra tar-Riktz, Limiti tar-Rabat u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 353689M, akkuzat talli;

1. Fit-13 ta' Dicembru 2020 ghall-habta ta' 17:00hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa r-Rabat u fil-gzejjer Maltin ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess tieghu waqt attivita' ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S. 549.42;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg 7(2), L.S. 549.42;

3. Fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xi lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(i) tal-L.S. 549.42;
4. Fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 480, Art 5(3);
6. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex jzomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munjizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' KAP 480 art. 47(1); u
7. Bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap. 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti ezebieti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu salv ghall-imputazzjonijiet numri 3 u 6, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra u jerga' jikkonsulta mal-Avukat tieghu;

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet u s-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija imputazzjonijiet (no. 3 u 6);

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu (salv ghat-tielet u s-sitt imputazzjoni), gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qeghda tqis in-natura u c-cirkostanzi tar-reati li taghhom qed jinstab hati inkluz l-ispeci tal-ghasafar mertu tal-proceduri odjerni, l-fedina penali tal-imputat, u l-fatt li rregistra ammissjoni qabel ma l-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha. Il-Qorti qieset ukoll dak li jistipula l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a), 7(1)(d), 7(2) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(3), 27(1), 51(9) u 52 tal-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Raymond Portelli, hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu (salv ghat-tielet u ghas-sitt imputazzjoni li gew irtirati mill-prosekuzzjoni) u konsegwentament qed tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1,600 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn Ewro (Eur. 200) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur